# Niċeċ u statwi fit-toroq ta' Birkirkara (IV)

**Fl-istess inħawi, fuq id-daħla ta' Sqaq Bużawra, naraw kwadru żgħir iżda devot ta' Marija Addolorata magħluq f'niċċa tal-ħġieġ.**

minn Tony TERRIBILE

*(Ikompli ma' l-artiklu ta' l-24 ta' Lulju)*

Statwa oħra ta' Marija Assunta niltaqgħu magħha fuq dar nru. 248 Triq San Ġiljan. In-niċċa hi mberfla b'zukklatura dejqa tal-ġebel, u billi m'hix fonda ħafna, fuq in-naħa t'isfel naraw mensola li ddur nofs tond u fuqha tistrieħ l-istatwa tal-Madonna. Din l-istatwa, billi qatt ma nżebgħet, wieħed jista' josserva fiha xi dettalji tajbin ta' skultura.

Il-post fejn tinsab din in-niċċa hu magħruf bħala "rajt ma rajtx u smajt ma smajtx". Il-bidu ta' dan l-isem hu salib tal-ġebel. Jingħad li dan is-salib twaqqaf b'tifkira ta' delitt li sar snin ilu f'dan il-post wara li raġel kien wera lil raġel ieħor minn fejn kienet għaddiet persuna li kien tlewwem magħha. Dan il-Kurċifiss, għalhekk hu magħruf bħala "Rajt ma rajtx u smajt ma smajtx".

Statwa oħra ta' Sant'Elena narawha fuq dar nru. 33 Triq Qrejzu. Din hi waħda mill-eqdem niċeċ ta' Birkirkara. Hawnhekk lill-qaddisa narawha wieqfa b'ħarsitha lejn il-lemin. Hi stawa f'pożizzjoni differenti mill-istatwa titulari u dan jista' jfisser li jista' jkun li din saret qabel l-istatwa titulari. Din in-niċċa tinsab fin-nofs fuq il-bieb ta' gallerija u fuq kull naħa tagħha naraw gwarniċa tonda li żgur li saret għal xi skop iżda dan ma sarx.

## Madonna tal-Karmnu

Niċċa tal-Madonna tal-Karmnu nsibuha fuq dar nru. 215 Triq il-Kbira. In-niċċa hi mżejna b'pilastru fuq kull naħa li fuqha titla' gwarniċa li ddur nofs tond. In-niċċa hi arzellata u l-istatwa tal-Madonna fiha xogħol tabilħaqq dettaljat. Hi niċċa li tidher li saret f'dan is-seklu u l-Arċisqof Dom Mauro Caruana kien ta indulġenzi għal min jitlob quddiemha.

Statwa oħra ta' Sant'Elena nsibuha fin-nofs fuq id-dar parrokkjali fi Triq il-Kbira. Hi statwa kopja ta' l-istatwa titulari tal-parroċċa. Hi xogħol magħmul f'dan is-seklu u taħtha naraw minquxa l-arma tal-kapitlu ta' din il-kolleġġjata.

Waħda mid-djar qodma li nsibu f'Birkirkara hi bla dubju ta' xejn l-Għassa tal-Pulizija fi Triq il-Kbira. Hi dar ta' karattru mżejna b'bosta skultura fosthom żewġ statwi, waħda ta' Marija Immakulata u l-oħra ta' San Pawl. Huma żewġ statwi li jidher li saru f'żewġ żminijiet differenti u dan wieħed jista' jikkonfermah mill-kwalità ta' xogħol li fihom.

> *"Waħda mid-djar qodma li nsibu f'Birkirkara hi bla dubju ta' xejn l-Għassa tal-Pulizija fi Triq il-Kbira. Hi dar ta' karattru mżejna b'bosta skultura fosthom żewġ statwi, waħda ta' Marija Immakulata u l-oħra ta' San Pawl."*

Oriġinali hi n-niċċa ta' l-Immakulata li tinsab f'niċċa li qiegħda tifforma parti mill-opramorta tal-bejt. Max-xifer tan-niċċa naraw gwarniċa ta' għamla nofs tond li ddur mad-dawra kollha tan-niċċa. Minn din il-gwarniċa naraw disinn imqabbad minn fuq u li jinfetaħ fuq in-naħa t'isfel u mat-tul tagħhom naraw mazzettun magħmul mill-weraq.

## San Pawl

L-istatwa ta' San Pawl, tidher wieqfa fil-kantuniera ta' din id-dar jiġifieri ma' Triq San Ġużepp. Din l-istatwa narawha mgħollija fuq kolonna li fil-parti ta' fuq tagħha naraw li għandha għamla ta' pedestall. Din l-istatwa fiha xogħol tabilħaqq dettaljat u jekk wieħed idur dawra magħha jista' josserva ħafna minn dawn id-dettalji bħal m'huma l-paneġġi kbar u wesgħin fil-mantell, it-tikmix tal-komma tal-lemin u fil-wiċċ espressiv tal-qaddis. Hawnhekk wieħed jista' jara d-dettalji fl-iffullar tal-leħja u tax-xagħar tal-qaddis. Fis-17 ta' Lulju 1875 l-Isqof Carmelo Sciculna kien ta indulġenzi għal min jitlob quddiemu.

Ftit ' il bogħod, in-naħa tal-knisja parrokkjali, niltaqgħu ma' niċċa oħra dedikata lil San Ġużepp. Din tinsab fuq dar nru. 52 Triq il-Kbira u hi mżejna bl-indulġenzi mogħtija mill-Isqof Carmelo Scicluna. Tidher li hi niċċa li tmur lura lejn tmiem is-seklu l-ieħor. Hi niċċa arzellata u fuq kull naħa tagħha għandha pilastru li fuqhom idur frontispisju. In-niċċa hi mibnija fuq mensola wiesgħa l-wisa' kollu tan-niċċa. Fl-imgħoddi din in-niċċa kellha wkoll fanal tal-ħadid li għadha tidher il-ħoqla tiegħu.

Statwa oħra ta' Sant'Antnin insibuha fl-inħawi ta' madwar il-knisja kolleġġjata ta' Sant'Elena f'kantuniera bejn Triq il-Ħerba u Sqaq Nru. 3. Din l-istatwa mhux qiegħda f'niċċa iżda fuq mensola tal-ġebel. Tidher li hi xogħol ta' xi dilettant bi skultura goffa u nieqsa minn xogħol irfinut u dettaljat.

Ftit 'il bogħod fuq il-bieb tad-dar nru. 6 Triq il-Ħerba naraw riliev tabilħaqq oriġinali li jirrappreżenta lill-Familja Mqaddsa. Hu riliev li jidher li nħadem fl-ewwel snin tas-seklu dsatax, li fih xogħol dettaljat ta' skultura b'mod speċjali fil-figura tal-Madonna.

Dan ir-riliev jidher imdawwar b'dekorazzjoni ta' għamliet nofs tond li jingħaqdu flimkien biex b'hekk l-iskultur għaraf joħloq dekorazzjoni mill-isbaħ bħala gwarniċa.

Fuq dar nru. 23 Triq Ħerba f'nofs iċ-ċinta ta' bejt, naraw statwa tal-Qalb ta' Ġesù wieqfa fuq pedistall. F'din l-istatwa lil Ġesù narawh b'idejh it-tnejn juri l-Qalb tiegħu. Hi statwa li tmur lura lejn il-bidu tas-seklu għoxrin. L-Arċisqof Pietro Pace kien ta indulġenzi għal min jitlob quddiemu.

## San Ġużepp

F'kantuniera bejn Triq il-Kbira Ħas-Sajjied u Triq San Kostantino niltaqgħu ma' niċċa oħra ta' San Ġużepp. Hi niċċa mżejna b'pilastru fuq kull naħa li minn fuqhom titla' dekorazzjoni li ddur nofs tond mal-arzella tan-niċċa. Tidher li hi niċċa li saret fl-ewwel snin ta' dan is-seklu.

Fl-istess inħawi fi Triq il-Kbira niltaqgħu ma' żewġ niċeċ, li barra li huma qodma sew huma żewġ niċeċ li ma tantx huma komuni wisq. L-ewwel waħda, hi dik li tinsab fuq id-dar nru. 100 u li fiha naraw ix-xbieha ta' Ġesù marbut mal-kolonna. Hi statwa qadima b'xi partijiet minnha bi skultura tajba fosthom id-dirgħajn ta' Kristu. Kurjuż u oriġinali hu l-mezzo bust ta' ruħ tal-Purgatorju li tidher skulturat taħt il-gwarniċa tan-niċċa. Jista' jkun li din qiegħda marbutma' xi obligi ta' quddies li jinġabru minn din il-proprjetà. In-niċċa l-oħra, li tidher li hi eqdem mill-istil tagħha, hi f'ġieh San Girgor. Hi niċċa bla ebda dekorazzjoni iżda mad-dawra tagħha naraw biss faxxa wiesgħa tal-ġebel. Lill-qaddis narawh iżomm il-ktieb taħt idu tax-xellug filwaqt li fuq in-naħa l-oħra, ħdejn saqajh naraw il-ħamiema, simbolu ta' l-Ispirtu s-Santu. Hi ħasra li parti sew minn din l-istatwa hi nieqsa.

Dan in-nuqqas jibda mir-ras sal-qadd tal-qaddis. Xieraq li xi darba tkun irranġata għax m'hix statwa komuni.

Ftit 'il bogħod fuq in-naħa l-oħra, fuq daħla ta' trejqa qasira, naraw statwa tal-ġebel imqiegħda fuq mensola. Hi statwa ta' Marija Immakulata b'idejha t-tnejn magħquda flimkien b'ħarstiha 'l sfel. Hi statwa bi skultura dettaljata u dan wieħed jista' jarah f'bosta partijiet tal-paneġġi li jdawruha.

## Żewġ niċeċ

F'dawn l-inħawi niltaqgħu ma' żewġ niċeċ tal-Madonna tal-Karmnu. L-ewwel waħda tinsab fuq id-daħla ta' Sqaq Buzawra u l-oħra fuq dar 107 Triq il-Kbira. Bla dubju l-isbaħ waħda hi dik li tinsab fi Triq il-Kbira. Hi niċċa li tidher li saret f'dan is-seklu bil-panew doppju fuq kull naħa. L-istess disinn narawh idur mad-dawra ta' l-arzella. L-istatwa tal-Madonna fiha xogħol tabilħaqq artistiku. Dan ix-xogħol wieħed jista'josservah f'bosta partijiet tagħha bħal m'huma l-paneġġi tal-libsa, il-mant ta' fuq ras il-Madonna u fuq kollox fl-espressjoni taż-żewġ uċuħ.

*(jissokta)*